GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM
U ASSESSJAR

# ĊIRKULARI

**Data:** 30 ta' April 2021 **Ref:** DLAP 123/2021

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** David Muscat – Kap Eżekuttiv, Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** Sessjonijiet online dwar L-Iżvilupp tal-Lingwa fit-Tfulija Bikrija

---

It-Taqsima tal-Politika Lingwistika fl-Edukazzjoni fi ħdan l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, b'kollaborazzjoni mal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa fl-Università ta' Malta se torganizza taħditiet fuq L-Iżvilupp tal-Lingwa fis-Snin Bikrin. Dawn it-taħditiet huma maħsuba għall-ġenituri u l-kustodji ta' tfal ta' bejn it-twelid u 5 snin, u se jkunu bl-Ingliż.

It-taħditiet se jkunu online u se jingħataw minn Dr Daniela Gatt, darba fil-ġimgħa mit-3:30 sal-5:00 ta' filgħaxija.

L-iskeda tat-taħditiet hija kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| 18 ta' Mejju, 2021 | L-iżvilupp tal-lingwa u t-taħdit fl-ewwel tliet snin tat-tfulija | 15:30 - 17:00 |
| 25 ta' Mejju, 2021 | Diffikultajiet fit-taħdit u l-lingwa li jkollhom it-tfal sa 3 snin | 15:30 - 17:00 |
| 1 ta' Ġunju, 2021 | Kif l-adulti jistgħu jixprunaw l-iżvilupp fil-ħiliet tal-lingwa | 15:30 - 17:00 |

Dawk li jixtiequ jieħdu sehem f'dawn it-taħditiet iridu jimlew formola online, li jsibuha f'din il-ħolqa: https://forms.office.com/r/PKs5yVjKCa
L-istedina biex issegwi t-taħdita tintbagħat ġurnata qabel kull sessjoni.

Jekk tkun tixtieq iktar informazzjoni, ikkuntattja lil Dr Lara Ann Vella billi tibgħat ittra elettronika lil lara.ann.vella@ilearn.edu.mt jew iċċempel 25982130.

Grazzi tal-kooperazzjoni.

**Sandra Ebejer**
**Direttur,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**